MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 612/2008

**Mohamad Alhasan f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri tewmin tfal tiegħu Josef Mohamad Al Ali Hamed u Maya Mohamad Al Ali Hamed.**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta' Ġunju, 2008 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi r-rikorrent kellu relazzjoni mas-Sinjura Kimberly Borg u minn din ir-relazzjoni l-partijiet kellhom tewmin bl-isem ta' Josef Mohamad Al Ali Hamed u Maya Mohamad Al Ali Hamed, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikati

tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' u Dok. 'B' rispettivament;

2. Illi kunjom ir-rikorrent meta twieldu dawn it-tfal kien 'Alhasan' u mhux 'Mohamad Al Ali Hamed' kif erronjament jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid tat-tewmin *de quo*, u dan kif jirriżulta wkoll mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'C' u minn vera kopja fotostatika tal-passaport tar-rikorrent hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'D';

3. Illi għal xi żmien ir-rikorrent kien erronjament magħruf bil-kunjom tradizzjonali tal-familja tiegħu, u *cioe'* 'Mohamad Al Ali Hamed', iżda fis-sena 2001, jiġifieri sitt snin qabel ma twieldu l-minuri *de quo*, permezz tal-proċeduri neċessarji huwa ġie magħruf b'kunjomu proprju *ossia* dak ta' 'Alhasan', u dan kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'E';

4. Illi *in vista* tal-premess jidher ċar illi kunjom il-minuri *de quo* kif indikat fiċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom ma jirriflettix kunjom ir-rikorrent missier proprju kif indikat fl-atti ċivili tiegħu li qegħdin hawn jiġu kollha annessi.

Għaldaqstant, ir-rikorrent qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, a tenur ta' l-Artiklu 253 *et seq* tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

a) Tiddikjara li kunjom il-minuri Josef u Maya huwa Alhasan u mhux dak ta' Mohamad Al Ali Hamed kif jidher fiċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom;

b) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jissostitwixxi kunjom il-minuri *de quo* 'Mohamad Al Ali Hamed' bil-kunjom 'Alhasan' fir-reġistrazzjoni ta' l-Att tat-Twelid tagħhom, b'dan illi l-kunjom 'Alhasan' ikun l-uniku kunjom ta' l-istess minuri fl-imsemmija Att tat-Twelid;

c) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex il-bdil tal-kunjom tal-minuri *de quo* fl-Att tat-Twelid

tagħhom, ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, jiġi rifless ukoll f'kull att ta' l-istat ċivili tagħhom.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-29 ta' Ottubru, 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif dedotti fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar il-mertu a savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jinnota li jidher li hemm dikrepanza bejn id-data tat-twelid tar-rikorrent indikata fuq Dok. 'C' u Dok. 'E' ippreżentati mar-rikors ġuramentat.

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna m'hijiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent, li m'għandux ibati l-ispejjeż ta' l-istanti *stante* li d-dikjaranti fuq l-Atti tat-Twelid tat-tewmin in kwistjoni kien ir-rikorrent stess flimkien ma' l-omm tal-minuri, u għalhekk huma kienu obbligati li jivverifikaw li l-informazzjoni li ddikjaraw u ffirmaw għaliha kienet korretta.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu l-esponent x'jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jagħmel din it-talba *ai termini* ta’ l-Artikli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet ta’ l-atti ta’ l-istat ċivili.

Jirriżulta li ulied l-attur ġew reġistrati b’kunjom li *ad insaputa* ta’ l-istess attur kien ġie mibdul f’pajjiżu u għalhekk it-talba hija ġustifikata. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u m’għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------